# KNEJJES FILJALI FIL-PARROĊĊA ARĊIMATRIĊI TAL-GUDJA

## *IL-KNISJA TAL-MADONNA TA' LORETU*


Il-knisja tal-Madonna ta' Loretu

Waħda mill-knejjes filjali tal-Parroċċa tal-Gudja, hija dik taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loretu [1]. Din tinsab fil-periferija ta' dan ir-raħal, mal-ġenb tar-*runway*. Fl-antik ħafna, dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala r-Raħal il-Qadim [2]. Jingħad li dan huwa l-eqdem post f'Malta fejn tissemma' din id-devozzjoni.

Skond ma tgħid il-leġġenda, l-ewwel knisja mibnija f'dan il-lokal saret b'wegħda mill-Kavallier Fra Imbert de Molines [3], meta rebaħ il-ġlieda kontra t-Torok fl-1533. Fl-1535 din il-knisja kienet tlestiet, u f'din is-sena l-kaptan ta' Bir Miftuħ De Warsbergh kien ta lil din il-knisja statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha, maħduma mill-alabastru.

Din l-istatwa hija magħrufa bħala l-Madonna ta' Trapani. Fl-1636 insibu li din kienet imqiegħda fuq l-altar maġġur ta' din il-knisja, kif jidher miż-żjara Pastorali ta' Mons. Giacomo Molina [4].

L-ewwel titular li kienet pittura b'forma t'arkata Normanna hija fuq l-injam. Din tinkludi wieħed mill-benefatturi prominenti tagħha Fra Imbert de Molines, li wkoll għammar din il-knisja bil-ħwejjeġ meħtieġa. Il-pittura ġġib id-data 1548 u l-pittur mhux magħruf. Illum din tinsab fis-sagristija ta' din il-knisja. Kitba li tidher fuq arkata ta' waħda mill-kmamar li hemm fil-ġenb tal-knisja ġġib id-data tat-2 ta' Lulju 1550 u jidher l-isem ta' Pawlu Vella li kien prokuratur tagħha.

Wara l-pesta ta' l-1676,bħala ħlas tal-grazzja, reġgħu bnew il-knisja mill-ġdid bit-tħabrik tal-kappillan Dun Ċens Grixti [5]. Hija għandha forma ta' salib, koppla u żewġ altari u kient mibnija wara l-1679.

Il-Gran Mastru Nikola Cottoner u Girgor Caraffa, kif ukoll Katerina Calleja armla ta' Valerio Calleja, ħallsu l-parti 'l kbira tal-ispejjeż involuti fil-bini tagħha [6]. Il-kwadru titulari li għandha llum huwa tal-pittur S. Adrianus. Dan il-kwadru li hu magħmul fl-1693 [7], juri l-Madonna fuq is-sħab imdawwra bl-anġli u fil-ġnub t'isfel jidhru San Ġwann Battista u qaddisin oħra. Il-ħajt ta' ħdejn il-kwadru huwa mpitter

minn Zaren Dalli (is-sufari), filwaqt li l-irħam ta' l-altar maġġur sar mill-ġid ta' Pawlu Cassar fl-1888. Fl-1820, b'opra tar-Reverendu Dun Ġwann Bonniċi mill-Gudja, il-knisja ġiet restawrata u kienet mgħammra bl-oġġetti meħtieġa u mżejjna b'bosta ndulġenzi mogħtija mill-Papa Girgor XVI fl-20 ta' Frar 1837.

Dun Salv Formosa mill-Gudja, Prokuratur tagħha, dawwar din il-knisja bi żriegħ tas-siġar taż-żebbuġ.

Il-festa tagħha kienet tkun iċċelebrata fit-8 ta' Settembru, li kien jaħbat ukoll it-twelid tal-Madonna [8]. Kienu diversi l-wegħdiet li saru li jesprimu d-devozzjoni lejn din il-Madonna [9] li baqgħu popolari matul is-17 u t-18-il seklu [10]. Fost in-numru ta' ex-voti, hemm kwadru kbir li juri ż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. Wieħed jinnota l-ittri V.F.G.A. fuq in-naħa t'isfel tax-xellug tal-pittura [11]. Dan il-kwadru, flimkien ma' dak tat-titular ġew restawrati fis-sena 1954 [12]. L-altar tal-viżitazzjoni kien twaqqaf qabel l-1600.



**Pjanta li turi l-kampnar ta' William Baker bil-ħsieb li jitqiegħed fuq il-knisja ta' Loretu bid-data tal-1 ta' Diċembru 1923**

Ex-voto magħmul mill-Kaptan Francesco Azzopardi huwa mpitter fuq biċċa għuda li juri 'l Madonna ssalva bastiment merkantili Ingliż mill-għarqa f'tempesta. Dan iġib id-data tas-26 ta' Diċembru, 1849.

Din il-knisja hija mgħammra wkoll b'affarijiet antiki u prezzjużi. Lampier tal-fidda li jintrama' fil-festa quddiem l-artal maġġur iġib id-data ta' l-1764 b'iskrizzjoni fuqu li tgħid li dan sar bil-flus tal-knisja f'ġieħ il-Madonna ta' Loretu [13].

Lampier tal-fidda li jintrama' quddiem l-artal l-ieħor fil-festa sar fis-sena 1960 u jġib l-arma tal-Madonna ta' Loretu [14].

Antiki wkoll huma l-kandlieri li nsibu fuq l-artal maġġur fil-festa [15].

Skond il-pjanta li ġġib is-sena 1923 turi li kien hemm il-ħsieb li l-kampnar ta' William Baker jiżżarma u jsir fuq il-faċċata ta' din il-knisja. Ġara illi meta sar il-kejl biex jaraw il-qniepen joqogħdux jew le fil-Kampnari tal-parroċċa sabu li dawn ma joqogħdux, għalhekk kellu jibqa' kollox kif kien.

L-istatwa żgħira u ħelwa ta' San Ġużepp bil-bambin f'idu li nsibu f'din il-knisja, kienet ingħatat mill-kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Ġużepp Barbara nnifsu fl-1926. Din l-istatwa nħadmet qabel l-1884 u kienet tinsab fil-knisja matriċi tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop minflok dik li hemm illum [16].

Matul l-aħħar gwerra l-knisja kienet f'idejn il-militar, fejn ġiet ukoll milquta

minn bomba li għamlitilha xi ħsara. Din kienet magħluqa biex tissewwa, fejn fit-8 ta' Diċembru 1943 din reġgħet ġiet imbierka solennement [17] mill-kappillan Dun Anton Rapa' [18], b'delegazzjoni ta' l-arċisqof Gonzi [19].

Din il-knisja minn dejjem kienet devota ħafna u kienu jżuruha ħafna nies mill-inħawi ta' Malta kollha speċjalment kull nhar ta' Sibt [20]. L-imħabba lejn din il-knisja għadha teżisti sa llum fejn naraw li hija miżmuma tajjeb minn numru żgħir ta' rġiel ħabrieka li dejjem iħabirku biex tinżamm id-devozzjoni lejn din il-knisja, u li titkabbar dejjem iżjed il-festa li ssir fl-ewwel Ħadd fuq l-10 ta' Diċembru.

Mejju 1989 — M. Gravina

NOTI:

(1) Protetriċi ta' l-Avvjaturi.
(2) Fl-1575 kien imsejjaħ bħala "Casalis Cadi" (archipiscopal Archives Malta) (AAM) Visitation Apostolica (VA) 1575 c, 160r); Vistatio Pastoralii (VP) 1635 – 37B, 102r.
(3) Kien membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u Prijur ta' Auvergne.
(4) AAM VP 1635 – 37B, 102r, VP1656 – 59 69V.
(5) Dun Ċens Grixti kien kappillan tal-Gudja fis-sena 1675-1688.
(6) AAM, VP 1698 – 80, 277v – 278v, VP 1685 – 87B, 362r – v.
(7) AAM, VP 1692 – 98 165 r-V.
(8) AAM VP 1635 – 37B; 102r.
(9) AAM VA 1575 C; 160 r-V.
(10) AAM VP 1615; – 16; 160r – 161r, VP 1653 – 54, 268V VP 1678 – 80; 277v – 278r, VP 1722 – 23, 540 r-V; VP 1751 – 56, 205r; VP 1771 – 74/77, 480 r-V.
(11) L-ittri V.F.G.A. ifissru Votum Feci Gratiam Accepi.
(12) L-ispejjeż għar-restawr ta' dawn iż-żewġ kwadri kienet Lm50 (Arkivji Parrokkjali).
(13) Dan il-lampier ġie restawrat fis-sena 1986.
(14) Dan sar fl-1960. Dan huwa wieħed mill-erbgħa tal-Korsija li nsibu fil-parroċċa. Il-knisja ta' Loretu ħarġet il-flus għal wieħed minnhom.
(15) Fis-sena 1987 – 1988, dawn ġew restawrati u ndurati għal spiża ta' Lm519 li ħallsu minn benefatturi tal-Gudja.
(16) Programm Festi Ċentinarja ta' l-istatwa ta' San Ġużepp, Ħal Kirkop, 1984.
(17) Fit-8 ta' Diċembru 1943 wasal Malta Roosevelt.
(18) Dun Anton Rapa, Kappillan tal-Gudja, mis-sena 1942-1952.
(19) L-Arċisqof Gonzi kien isqof Koadjutur ta' l-Arċisqof Caruana.
(20) Vista pastorali ta' l-1575 ta' Mons. Pietru Duzina.

# LE

## GĦAD-DROGA U L-VIZZJI L-OĦRA LI JĠIBU L-MARD